# TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA

## MAĠISTRAT DR. SIMONE GRECH
## B.A., LL.D., M. Jur. (Eur Law),
## Dip. Trib. Eccles. Melit.

**Rikors Numru 62/2021 SG**

**Alfred u Pelagia konjuġi Galea**

**Vs**

**Awtortia' tal-Artijiet**

**Illum it-Tlieta, 28 ta' Marzu 2023**

It-Tribunal,

Ra r-rikors ġuramentat tal-atturi illi ppremettew:

1. *Illi permezz ta' kuntratt tal-ewwel (1) ta' Ġunju tas-sena elf, disa' mija u disgħa u sebgħin (1979) fl-atti tan-Nutar Emmanuel George Cefai, l-atturi akkwistaw mingħand Victor Bajada u Joseph Cassar l-appartament numru tnax (12), drabi oħra numru tnejn (2), Belvedere Court, Triq il-Ħamri, Għajnsielem, Għawdex*

2. *Illi dakinhar ta' l-akkwist dan il-fond ġie deskritt bħala soġġett għal-lira Maltija u disgħa u ħamsin ċenteżmu u żewġt milleżmi (LM 1.59c 2m) pagabbli lill-Knisja Parrokkjali Bażilika ta' San Ġorġ tal-Belt Victoria skond il-konċessjoni enfitewtika oriġinali.*

*3. Illi l-konċessjoni enfitewtika oriġinali saret permezz ta' att tan-Nutar Dottor John Busuttil tat-tlieta (3) ta' Diċembru tas-sena elf, disa' mija u sittin (1960) fejn ġiet konċessa b'titolu ta' cens perpetwu rivedibbli porzjon art magħrufa 'Tal-Ħamri' ta' ċirka seba' sigħan kejla u nofs. Il-konċessjoni kollha kienet ta' dsatax-il lira Maltija ħmistax-il xelin u sold (LM 19.15s.1d) fis-sena pagabbli kull ħmistax (15) ta' Awwissu ta' kull sena b'lura.*

*4. Illi ċ-ċens kellu jkun rivedut kull ħamsin (50) sena billi l-art mibjugħa mingħajr il-benifikati fuqha tiġi stmata minn perit a spejjeż tal-konċessjonarju u ċ-ċens jiġi aġġustat b'dak il-mod skond l-awment fl-istima ta' l-istess perit.*

*5. Illi llum ċ-ċens relattiv għadda għand l-Awtorità tal-Artijiet.*

*6. Illi l-atturi provaw jitkellmu mal-Awtorità tal-Artijiet sabiex jiġi miftiehem ċens ġdid u rivedut skond il-kuntratt oriġinali.*

*7. Illi mingħajr ma għaddiet xi stima peritali jew mingħajr ma' l-esponenti jaf li xi ħadd ġie jara l-appartament tiegħu l-Awtorità tal-Artijiet informat lill-attur li kienet qed tawmenta ċ-ċens għal-tlett elef Ewro (€ 3,000) fis-sena.*

*8. Illi dan il-valur huwa wieħed għoli astronomikament u inġust u l-atturi ma jaqblux miegħu. Certamanet mhux biss ma huwiex prezz gust u ekwu izda l-anqas jirrifletti l-ispirtu kontrattwali bejn il-partijiet. Kwindi dan ifissier illi l-partijiet mhux qed jaqblu fuq l-awment taċ-ċens illi għandu jkun hemm.*

*9. Illi għalhekk l-esponenti qiegħdin jirrikorru lejn din l-Onorabbli Qorti sabiex abbażi ta' dak miftiehem bejn il-partijiet fil-kuntratt tal-konċessjoni oriġinali tistabbilixxi ċ-ċens ġust li għandu jkun pagabbli u dan ad opera ta' perit nominant kif imsemmi fil-konċessjoni oriġinali.*

*10. Illi dan ir-rikors ġuramentat qed isir miż-żewġt atturi flimkien u qed jiġi kkonfermat bil-ġurament minn l-attur Alfred Galea li għandu konoxxenza vera u proprja tal-fatti suesposti.*

*Jgħid għalhekk il-konvenut għaliex din l-Onorabbli Qorti m' għandhiex, prevja dikjarazzjoni ta' revoka/ tħassir tad-deċizjoni tal-Awtorita' ta' l-Artijiet dwar awment ta' reviżjoni fic-cens,*

*1. Tistabbilixxi dak l-awment ta' reviżjoni fiċ-ċens tal-fond Belvedere Court l-appartament numru tnax (12), drabi oħra numru tnejn (2), Triq il-Ħamri, Għajnsielem, Għawdex, u dan skond ma huwa stipulat fil-kuntratt tan-Nutar Dottor John Busuttil tat-3 ta' Diċembru tal-1960.*

*2. Tordna illi dan għandu jkun l-ammont ta' l-awment mid-data tas-sentenza tagħha 'l quddiem.*
*Bl-ispejjeż kollha kontra l-konvenut inklużi dawk tal-ittra uffiċċjali ta' Lulju tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021), u bl-inġunzjoni tal-konvenut minn issa għas-subizzjoni."*

Ra r-risposta ġuramentata tal-Kap Eżekuttiv Robert Vella f'isem l-Awtorita' ta' lArtijiet illi eċċepixxa:

*1. Illi l-Awtorita' esponenti ġiet notifikata bir-rikors fl-ismijiet hawn fuq imsemmija u l-istess esponenti qed tirrispondi skond il-liġi;*

*2. Illi l-fond mertu tal-kawża odjerna, cioe Flat 12, Belvedere, Court, Ġamri Street, Għajnsielem kien soġġett għac-ċens annwu u perpetwu ta' tlett euro u wieħed u sebgħin ċenteżmu (€3.71);*

*3. Illi skont il-konċessjoni emfitetwika oriġinali dan iċ-ċens kellu jiġi rivedut kull ħamsin sena sa mill-1960;*

*4. Illi l-Awtorita' tal-Artijiet irrievediet dan iċ-ċens skond Artikolu 79 tal-Kapitolu 573 talLiġijiet ta' Malta, għal tlett elef euro fis-sena.*

*5. Illi r-rikorrent ħassu aggravat u interpona dan l-appell;*

*6. Illi f'dan l-isfond, l-Awtorita' esponenti tixtieq tissenjala s-segwenti:*

*i. Eċċezzjoni preliminari*

*a. Inkompentenza tal-Qorti*

*Illi l-Awtorita' intimata teċċepixxi preliminarjament l-inkompetenza ta' din il-Qorti biex tiddeċiedi il-kawża odjerna ai termini ta' Artiklu 741 tal-Kapitlu 12 talLiġijiet ta' Malta, stante li t-Tribunal tar-Reviżjoni Amministrattiva huwa ittribunal kompetenti biex jisma' u jiddeċiedi l-kawża odjerna ai termini ta' Kapitlu 490 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*b. Preskrizzjoni*

*Illi id-deċiżjoni sabiex issir ir-reviżjoni taċ-ċens ġiet ikkomunikata lir-rikorrent fi 22 ta' Marzu tal-elfejn u dsatax, u għalhekk kwalunkwe reviżjoni ta' din iddeċiżjoni amministrattiva tinsab preskritta skont il-liġi;*

*ii. Eċċezzjoni ulterjuri*

*Illi kwalunkwe reviżjoni taċ-ċens fuq il-fond mertu tal-kawża odejrna saret a bażi talistess konċessjoni emfitewtika u skont dak provdut f'Artiklu 79 tal-Kapitolu 573 talLiġijiet ta' Malta;*

*Illi l-Awtorita' tal-Artijiet tirriserva d-dritt li tipprovdi eċċezzjonijiet u raġunijiet ulterjuri;*

*Għaldaqstant, l-Awtorita' tal-Artijiet titlob lil din l-Onorabbli Qorti biex tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrenti,*

*Bi spejjeż kontra l-istess rikorrenti."*

Ra li permezz ta' ittra datata 22 ta' Marzu 2019 l-Awtorita' ta' l-Artijiet kienet irrevediet iċ-ċens pagabbli għas-somma ta' €3000 fis-sena (Dok C a fol 16).

Ra s-sentenza tat-8 ta' Lulju 2022.

Ra li l-partijiet qablu li t-terminu previst mil-liġi sabiex kawża ta' din in-natura tiġi deċiża għandu jibda jiddekorri mit-3 ta' Ottubru 2022.

Ra s-sentenza ta' l-1 ta' Diċembru 2022 fejn dan it-Tribunal ċaħad l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni.

Ra r-risposta ta' l-Awtorita' ta' l-Artijiet tal-31 ta' Jannar 2023 fejn ġie eċċepit:

*"Illi in segwitu ghad-digriet ta' dan l-Onorabbli Tribunal tal-25 ta' Jannar 2023, l-Awtorita' esponenti qieghda f' dan l-istadju tecepixxi n-nullita' tal-proceduri."*

Semgħet ix-xhieda prodotti.

Rat id-dokumenti eżebiti.

Rat li din il-kawża ġiet differita għas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

Dan it-Tribunal qabel xejn sejjer jagħmel il-konsiderazzjonijiet tiegħu dwar l-eċċezzjoni ta' nullita mqajjma mill-Awtorita intimata.

It-Tribunal li huwa mogħti l-istess setgħat li huma vestiti fil-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili ai termini tal-Artikolu 20 tal-Kap 490, jagħmel referenza għal ampja ġurisprudenza li spjegat il-parametri tal-prinċipju ta' nullita' ta' atti ġudizzjarji. Fis-sentenza tagħha tal-21 ta` Marzu 1988 fil-kawża "Aquilina vs Aquilina", il-Qorti tal-Appell qalet hekk:-

*" ... illi l-allegata nullita` tac-citazzjoni qed tigi invokata fit-termini ta` l-artikolu 789(1) tal-Kap 12 li inter alia jipprovdi li l-eccezzjoni ta` nullita` ta` l-atti gudizzjarji tista` tinghata 1) jekk in-nullita` hija ddikjarata mil-ligi espressament 2) jekk l-att ikun mahrug minn Qorti nkompetenti ; 3) jekk fl-att ikun hemm vjolazzjoni tal-forma mehtiega mil-ligi wkoll jekk mhux taht piena ta` nullita` u dan biss f`kaz ta` pregudizzju ; 4) jekk l-att ikun nieqes minn xi partikolarita`essenzjali mehtiega mil-ligi espressament. ... kif qalet din il-Qorti fis-sentenza taghha tat-28 ta` April 1978 in re Teresa Vella vs Salvatore Conti (App. Kumm.) biex tigi ddikjarata nulla citazzjoni u jitwaqqaf il-kors taghha, jinhtieg li jkunu jikkonkorru ragunijiet gravi, fosthom nuqqasijiet ta` evidenti pregudizzju ghad-difiza tal-konvenut ;*

*Din il-Qorti inoltre tul is-snin f`diversi sentenzi taghha applikat dan il-principju b`mod li fejn jew ikun jonqos il-pregudizzju ghad-difiza tal-konvenut jew in-nuqqas fic-citazzjoni kienet taghmel tajjeb xi haga ohra ghalih, ma annullatx ic-citazzjoni (ara Savona vs Asphar deciza minn din il-qorti fit-23 ta`*

*April 1945 u dik riportata fil-Vol XXXIV tal-Kollezzjoni a fol 313 ta` l-Ewwel Parti). Minbarra minn hekk gie diversi drab deciz u llum hu ormai pacifiku li nonostante l-fatt li citazzjoni jkollha xi haga mhux cara bizzejjed go fiha li pero` hi ccarata fid-dikjarazzjoni ta` l-attur dan hu bizzejjed biex isalva c-citazzjoni (ara Bonello vs Azzopardi, Vol XXXIX.II.556; Gerada vs Cassar, XXXIV.II.501 ; Muscat vs Borg et, XXXIX.II.575 u Demarco vs Fiteni XLI.II.1035).”*

Fil-kawża deċiża fit-30 ta' Jannar 2001 fl-ismijiet Manuel Schembri vs France Cutajar, il-Qorti spjegat li:

*"Illi certament li huwa principju stabilit illi it-tifsir car u sewwa tal-oggett tal-kawza u tat-talbiet skond iddisposizzjonijiet tal-artikolu 156 tal-Kap 12 ghandhom jirrizultaw mill-istess att tac-citazzjoni innifsu u mhux minn "xi kjarifika li tista' issir dwarhom matul it-trattazzjoni" ("Raymond Bezzina vs Anthony Galea" - A. C. 30 ta' Marzu 1998). ….*

*Illi gie ritenut illi sabiex azzjoni tigi dikjarata rritwali ghandu jigi determinat li hemm raguni gravi, u fost kollox, ghandu jigi ezaminat jekk ic-citazzjoni tkunx defugenti jew zbaljata b'mod li l-konvenut ikun jista' jigi pregudikat fid-difiza tieghu, u ghal dan l-ezami iccitazzjoni attrici ghandha tigi ezaminata fit-totalita' taghha" ("Carmelo Bonnici vs Eucharist Zammit noe" - A.C. 20 ta' Jannar 1986).*

*Illi dan l-ezercizzju ghandu wkoll jigi ezaminat fid-dawl tal-massima ormai llum addottata mill-Qrati taghna illi "il-formalizmu ezegerat ukoll ilu hafna li gie mnaqqas u limitat li bir-ragun, il-ligi qed tkun aktar u aktar inklinata li tkompli tillimita l-formalizmu u n-nullitajiet tal-forom li jnutruh ("Charles Fino vs Alfred Fabbri noe" - A.C. 28 ta' Frar 1997; "Guillaumier Industries Limited vs Reginald Fava et" - P.A. (R.C.P.) 28 ta' Ottubru 1998; "Sav. Falzon vs Chairman tal-Awtorita' tal-Ippjanar" - A.C. 31 ta' Mejju 1996).*

*Illi f'dan il-kuntest huwa sintomatiku li a bazi ta' dak li ntqal fis-sentenza "Michael Attard nomine vs Raymond Galea" (A.C. 12 ta' Mejju 1998) dwar kawzali distinti minn xulxin, u applikati dawn il-principji ghall-kaz de quo, l-attur m'ghandux l-ewwel fil-premessi jitkellem dwar titolu u pussess, u mbaghad fit-talbiet jghaqqad kollox flimkien, b'mod li f'din lazzjoni sar kollox neboluz jekk l-azzjoni hija ibbazata fuq titolu jew biss fuq pussess jew detenzjoni. Illi tali kunfuzzjoni ma ghandhiex issir ghaliex dan ma huwiex tollerat skond l-artikolu 156 (1) tal-Kap 12, billi dan la jkun gust mal-kontro-parti li trid tkun f'qaghda li tiddefendi ruhha, u di piu' tpoggi lillgudikant f'sitwazzjoni ta' ncertezza dwar l-indoli veru tal-procedura li jrid jiddeciedi dwara. Dan huwa konfermat bis-sentenza "Joseph Tabone vs Joseph Flavia" (A.C. 7 ta' Marzu 1958 - XLII.i.86) fejn inghad li huwa dejjem necessarju li ic-citazzjoni ghandu jkollha tifsira cara tal-oggett u r-raguni tat-talba u "dan huwa dejjem necessarju biex il-konvenut ikun jaf minnufih u b'certezza dak li ghandu jiddefendi ruhhu minnu….".*

*Madanakollu, huwa sottomess li minkejja li huwa minnu li eccezzjoni ta' nullita' ghandha tigi nterpretata ristrettivament, dan ma jfissirx li ma hemmx cirkustanzi fejn citazzjoni tista' tigi dikjarata nulla. Fejn jidher car li c-citazzjoni hija kuntradittorja, in-nullita' ghandha tigi dikjarata minghajr ezitazzjoni. Dan gie ritenut minn gurisdizzjoni kostanti. Per ezempju, il-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza taghha tat-28 ta' April 1978 fl-ismijiet Teresa Vella vs Salvatore Conti irriteniet li biex citazzjoni tigi ddikjarata nulla u jitwaqqaf il-kors taghha, jinhtieg li jkunu jikkonkorru ragunijiet validi, bhal*

*per eżempju nuqqasijiet evidenti ta' pregudizzju għad-difiża tal-konvenut. L-istess ntqal fid-deċiżjoni mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-21 ta' Frar 1997 fl-ismijiet Alfred u Mary konjugi Vella vs Agostino Camilleri:*
*"In-nullita` ta` l-atti gudizzjali hija sanzjoni estrema li l-ligi trid li tigi mposta biss meta n-nuqqas - formali jew sostanzjali - fl-att, ma jistax assolutament jigi tollerat minghajr hsara ghal xi principju ta` gustizzja procedurali. Ghalhekk att ta` citazzjoni ghandu jkun imwaqqa` u annullat biss ghal ragunijiet gravi."*

B' applikazzjoni ta' dawn il-prinċipji, jidher li l-ħsieb tar-rikorrenti bl-azzjoni tiegħu odjerna kienet li jitlob ir-revoka tad-deċiżjoni ta' l-Awtorita' tal-Artijiet u li dan it-Tribunal jilqa' dan l-appell. Fil-każ tal-lum, mil-lat ta` mpostazzjoni tal-azzjoni, it-Tribunal mhuwiex jara nullita`. Hemm rabta bejn il-kawżali u t-talbiet magħmula. It-Tribunal mhuwiex jara konflitt jew kontradizzjoni fit-talbiet b`tali mod li l-Awtorita' intimata se tbati preġudizzju fid-difiża tagħha.

It-Tribunal iqis li l-parti mħarrka ngħatat il-fakolta' li tkun tista' tiddefendi kif tixraq lilha nnifisha mill-pretensjoni ta' min ħarrikha.

Għalhekk din l-eċċezzjoni sejra tiġi miċħuda.

**Ikkunsidra:**

Fil-mertu, irriżulta li b' kuntratt ta' l-1 ta' Ġunju 1979 fl-atti tan-Nutar Emmanuel George Cefai, l-atturi akkwistaw l-appartament numru 12, Belvedere Court, Triq il-Ħamri, Għajnsielem, Għawdex. Irriżulta li fuq dan l-appartament kien hemm ċens perpetwu rivedibbli li kien jitħallas lil Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ. Skont l-affidavit ta' Alfred Galea, iċ-ċens kien inħoloq b' kuntratt tan-Nutar Dottor John Busuttil tat-3 ta' Diċembru 1960 fejn ġie dikjarat li dan iċ-ċens kien rivedibbli kull ħamsin sena mingħajr ma jittieħed każ tal-bini li hemm fuq l-art.

Irriżulta wkoll li saret talba mir-rikorrenti biex jiġu rikonoxxuti bħala utilisti peress li fis-sena 2009 ġie nfurmat li ċ-ċens ma kienx ser jibqa' jiġi aċċettat. Sussegwentement, ir-rikorrenti ġew infurmati mill-joint office li ċ-ċens ma ġiex aċċettat iktar għax kellha ssir reviżjoni ta' l-ammont. Ir-rikorrenti mbagħad ftit żmien wara ġie rinfaċċat bl-ittra tat-22 ta' Marzu 2019 fejn iċ-ċens ġie mgħolli għal €3000 fis-sena.

It-tribunal qies li mix-xhieda prodotta jirriżulta li kienet ġia' saret reviżjoni ma' l-għeluq il-ħamsin sena hekk kif kien jistipola l-kuntratt li bih ġie kostitwit iċ-ċens in kwistjoni. Dan it-tribunal ma jaqbilx mas-sottomissjoni magħmula li ġialadarba ntalab mill-istess rikorrenti li ssir reviżjoni ta' ċens, jiskatta proċess separat li bih l-Awtorita' tevalwa t-talba, issir valutazzjoni u jiġi kkalkolat iċ-ċens biex b' hekk jiġi rivedut. It-Tribunal iqis li l-Awtorita' għandha timxi fuq dak li jistipola l-kuntratt li bih ġie kostitwit iċ-ċens. Ġialadarba, mill-provi eżebiti jidher li dan iċ-ċens effettivament kien ġia' ġie rivedut ai termini tal-istess kuntratt, l-Awtorita' kellha tieħu dan kollu in konsiderazzjoni qabel ma' tevalwa kwalunkwe talba li setgħet saret mir-rikorrenti.

In oltre, kuntrarjament għal dak li qed jiġi allegat mill-Awtorita' ta' l-Artijiet, ma tressqet l-ebda prova li effettivament saret talba speċifika mir-rikorrenti biex iċ-ċens jiġi rivedut. In fatti, fl-atti proċesswali jirriżulta biss li għalkemm fis-sitt premessa, ġie mniżżel li r-rikorrenti ppruvaw jitkellmu mal-Awtorita' ta' l-Artijiet sabiex jiġi miftiehem ċens ġdid u rivedut skont il-kuntratt oriġinali, kulma sar kienet ittra min-nutar ta' fiduċja tar-rikorrenti datata 27 ta' Ottubru 2015 fejn intalab li r-rikorrenti jiġu rikonoxxuti bħala l-enfitewti (Dok X2 a fol 64) u dikjarazzjoni datata 4 ta' Mejju 2016 (Dok X3 a fol 65) li fih ġie dikjarat li l-post in kwistjoni huwa proprjeta' tar-rikorrenti.

Fil-fehma umli ta' dan it-Tribunal, ġialadarba ċ-ċens ġie rivedut ai termini tal-kuntratt li permezz tiegħu ġie kkostitwit dan iċ-ċens, l-istess Awtorita' ta' l-Artijiet ma setgħetx terga' tagħmel kalkoli ohra ta' reviżjoni ta' dan iċ-ċens. Il-kuntratt jistipola meta għandu jiġi rivedut dan iċ-ċens u in fatti, hekk sar, skont ma rriżulta fis-smigħ tal-provi.

Addizzjonalment, mill-provi prodotti jirriżulta li ma ġiet fornuta l-ebda spjegazzjoni dwar kif l-Awtorita' tal-Artijiet waslet għar-reviżjoni taċ-ċens hekk kif indikata fl-ittra tat-22 ta' Marzu 2019. In fatti, rriżulta mill-affidavit tar-rikorrenti eżebit a fol 98 illi huwa qatt ma ġie kkonsultat li se jiġi xi perit jagħmel xi reviżjoni u dana nonostante li l-perit kellu jiġi mħallas mill-istess rikorrenti. Ir-rikorrenti lanqas qatt ma ltaqa' ma' l-istess perit, lanqas ma kien preżenti għal xi aċċess jekk inżamm mill-istess perit kif ukoll lanqas ġie mgħarraf mill-perit kif saru l-kalkoli li wasslu għas-somma riveduta taċ-ċens.

Dan it-Tribunal iqis li in vista ta' dan, kien ikun ferm utli li kieku l-Awtorita' ta' l-Artijiet fliet il-file kollu relattiv biex b' hekk kienet tieħu konjizzjoni tal-fatt li mix-xhieda prodotta, ġia' kienet saret reviżjoni ta' dan iċ-ċens. Għalhekk, ikun ferm opportun li l-Awtorita' ta' l-Artijiet terġa' tifli u teżamina d-dokumentazzjoni kollha nkluż dik id-dokumentazzjoni li rriżultat waqt is-smigħ ta' din il-kawża. Dana biex id-deċiżjoni li tittieħed, tkun waħda ħolisitika u li ġiet mehuda fid-dawl ta' l-informazzjoni kollha li l-Awtorita' ta' l-Artijiet hija konsapevoli dwarhom. Huwa minnu li semmai kien messhom r-rikorrenti stess infurmaw b'dan il-fatt lil Awtorita' ta' l-Artijiet, iżda kif irriżulta fil-pendenza ta' din il-kawża, l-istess rikorrenti saru jafu b' din ir-reviżjoni li kienet saret waqt is-smigħ ta' din l-istess kawża.

Fil-fehma ta' dan it-Tribunal, il-fatt jibqa' li meta ttieħdet id-deċiżjoni mill-Awtorita' ta' l-Artijiet, l-istess uffiċċjali ta' l-Awtorita' jista' jkun li ma ħadux in konsiderazzjoni li ċ-ċens kien ġia' ġie rivedut in linea ma' dak li jistipola l-kuntratt li permezz tiegħu ġie kkostitwit dan l-istess ċens. Għalhekk, jista' jagħti l-każ li meta tiġi meqjusa din id-dokumentazzjoni kollha li ġiet żvelata waqt is-smigħ ta' din il-proċedura, id-deċiżjoni ta' l-Awtorita' ntimata tkun waħda differenti jew tkun waħda li tibqa' l-istess.

Dan it-Tribunal jagħmilha ċara li huwa m' għandhux il-poter li jissostitwixxi d-diskrezzjoni li l-leġislatur feda f' idejn l-Awtorita' intimata bid-diskrezzjoni tiegħu. It-Tribunal jirrileva illi l-kompetenza tiegħu hija biss waħda ta' reviżjoni u għalhekk, f' dan l-istadju, in vista tal-fuq premess, sejjer iħassar id-deċiżjoni ta' l-Awtorita' intimata datata

22 ta' Marzu 2019 u jistieden lill-Awtorita' intimata biex terġa' tagħmel l-eżerċizzju li għamlet iżda din id-darba tqis mill-ġdid id-dokumentazzjoni kollha relattiva, inkluża d-dokumentazzjoni li saret taf biha waqt is-smigħ ta' din il-kawża filwaqt li mill-bqija, jiċħad l-ewwel u t-tieni talba tar-rikorrenti stante li dawn imorru lil hinn mill-poteri ta' dan it-Tribunal. In oltre, it-Tribunal qed jiċħad ukoll l-eċċezzjoni ta' nullita' sollevata mill-Awtorita intimata.

Tenut kont tal-partikolarita' ta' dan il-każ, dan it-Tribunal iqis li l-ispejjeż relattivi għandhom jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

(ft) Dr. Simone Grech
President tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva

(ft) Silvio Xerri
D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur

28.03.2023 – TRA62.2021 – Grech Alfred et vs Awtorita' tal-Artijiet
2642